MALTA

# QORTI KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**MICHAEL MALLIA**

Seduta ta' l-4 ta' Dicembru, 2013

Numru 12/2011

**Att t'Akkuza 12/2011**

**Ir-Repubblika ta' Malta**
**Vs**
**Darren Vella**
**Josef Cefai**

Illum 4 ta' Dicembru, 2013

Il-Qorti,

Rat l-att ta' Akkuza numru 12/2011 mahruga mill-Avukat Generali kontra Darren Vella [detentur tal-karta tal-identita` numru 33990(G) Josef Cefai [detentur tal-karta tal-identita` numru 36489 (G)] fl-20 ta' Mejju, 2011 fejn

1. Wara li l-Avukat Generali ppremetta fl-Ewwel Kap illi fil-lejl ta' bejn it-tnejn (02) u t-tlieta (03) ta' Awwissu tas-sena elfejn u tmienja (2008) u fix-xhur ta' qabel, Darren Vella u Josef Cefai ftehemu u ddeċidew li jibdew imexxu u jittraffikaw illegalment fil- pilloli *Ecstasy* fil-

Gżejjer Maltin. Il-mezzi kkumbinati u miftiehma bejniethom dwar kif kellhom jaġixxu kien illi l-akkużati Darren Vella u Josef Cefai jakkwistaw illegalment il-pilloli *Ecstasy* u jbiegħu u jittrafikaw ammont sostanzjali mill-imsemmija droga filwaqt illi jżommu r-rimanenti għall-użu tagħhom. Huma ftehmu wkoll illi l-flus għall-akkwist tal-pilloli konteneti d-droga *Ecstasy* kellhom jinħarġu bejniethom u l-profitti magħmula minn din l-attivita` illegali kellhom jinqasmu bejniethom ukoll.

Illi in eżekuzzjoni ta’ dan il-ftehim maqbul bejniethom, l-akkużati Darren Vella u Josef Cefai ltaqgħu ma’ xi persuni ġewwa Ħaż-Żebbuġ (Malta) diversi drabi sabiex jakkwistaw l-imsemmija pilloli kontenenti d-droga *Ecstasy* bl-intendiment li l-istess droga kellha tiġi, *in parte,* traffikata lil terzi għall-finijiet ta’ lukru, u *in parte* użata mill- imsemmija akkużati.

B’kollox, l-akkużati Darren Vella u Josef Cefai akkwistaw numru konsiderevoli ta’ l- imsemmija pilloli.

L-imsemmija pilloli Ecstasy, li fihom is-sustanza *Methylenedioxymethamphetamine*, (li hija *designer drug* magħrufa bħala (MDMA) huma kkontrollati u ristretti bil-liġi taħt it- Tielet Skeda, Parti A, tal-Ordinanza Dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li għandhom x’jaqsmu magħha, Kapitolu 31 tal-Liġijiet ta’ Malta, u l-imsemmija Darren Vella u Josef Cefai ma kellhom l-ebda permess jew awtorizzazzjoni skond l-imsemmija liġi sabiex ikollhom fil-pussess tagħhom jew sabiex iqassmu jew ibiegħu l-imsemmija pilloli u sustanza.

Illi b’għemilhom l-imsemmija Darren Vella u Josef Cefai saru ħatja talli assoċjaw ruħhom ma’ persuni oħra f’Malta u ma’ persuni oħra barra minn Malta sabiex jimportaw, ibiegħu jew jittraffikaw mediċina u droga oħra f’Malta bi ksur tad-disposizzjonijiet tal- Ordinanza Dwar

il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li Għandhom x'Jaqmsu Magħha, Kap. 31 tal-Liġijiet ta' Malta, jew ippromwovew, ikkonstitwixxew, organiżżaw jew iffinanzjaw din l-assoċazzjoni.

Għaldaqstant l-Avukat Ġenerali fl-isem fuq imsemmi, akkuża lill-imsemmija Darren Vella u Josef Cefai ħatjin talli assoċjaw ruħhom ma' persuni oħra f'Malta u ma' persuni oħra barra minn Malta sabiex jimportaw, ibiegħu jew jittraffikaw mediċina u droga oħra f'Malta bi ksur tad-disposizzjonijiet tal-Ordinanza Dwar il-Professjoni Medika u l- Professjonijiet li Għandhom x'Jaqmsu Magħha, Kap. 31 tal-Liġijiet ta' Malta, jew ippromwovew, ikkonstitwixxew, organiżżaw jew iffinanżjaw din l-assoċazzjoni. Talab li jingħamel skond il-liġi kontra l-imsemmija akkużati u illi jiġu kkundannati għal piena ta' priġunerija għal għomor u multa ta' mhux inqas minn elfejn tlett mija u tletin Euro (€2330) iżda mhux iżjed minn mija u sittax –il elf u ħames mitt Euro (€116,500) u l- konfiska favur il-Gvern ta' Malta ta' kull flejjes jew propjeta' mobbli u immobbli oħra tal-persuna hekk misjuba ħatja skond dak li hemm u jintqal fl-artikoli 40A, 120A (1)(f) (1A) (2)(a)(i), (2A), (2B) u 121A(1)(2) tal-Ordinanza Dwar il-Professjoni Medika u l- Professjonijiet li Għandhom x'Jaqmsu Magħha, Kap. 31 tal-Liġijiet ta' Malta u fl-artikoli 17, 18, 20, 23, 31 u 533 tal-Kodiċi Kriminali, Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta, jew għal kull piena oħra li tista' skond il-liġi tingħata għall-ħtija ta' l-imsemmija akkużati.

2. Wara li l-Avukat Generali ppremetta fit-Tieni Kap illi fl-istess żmien u ċirkostanzi indikati fl-Ewwel Kap ta' Akkuża u ċioe' fil-lejl ta' bejn it-tnejn (02) u t-tlieta (03) ta' Awwissu tas-sena elfejn u tmienja (2008) u fix-xhur ta' qabel, Darren Vella u Josef Cefai in eżekuzzjoni tal-pjan kkumbinat bejniethom, biegħu, traffikaw, fornew jew ipprokuraw il-pilloli kontententi d-droga *Ecstasy* lil diversi persuni fil-Gżejjer Maltin, b'mod partikolari f'distanza ta' inqas minn 100 metru minn *clubs u* postijiet simili fejn jinġemgħu diversi persuni għal-skopijiet ta' divertiment.

Illi l-akkużati Darren Vella u Josef Cefai**,** fl-imsemmi lejl kienu qegħdin ibiegħu, jittraffikaw, ifrnu jew jipprokuraw il-pilloli kontententi d-droga *Ecstasy* lil terzi persuni f'distanza ta' inqas minn 100 metru mill-*club* magħruf bħala "*La Grotta*", fix-Xlendi (Għawdex), għal skopijiet ta' lukru.

Illi fortunatament, fl-imsemmi lejl, il-pulizija rnexxielhom iwaqqfu lill-imsemmija Darren Vella u Josef Cefai waqt illi kienu għadhom qegħdin ibiegħu jew b'xorta oħra jittraffikaw fl-imsemmija pilloli u b'hekk sfrattawlhom u waqqfulhom l-attivita` illegali tagħhom.

L-imsemmija pilloli Ecstasy, li fihom is-sustanza *Methylenedioxymethamphetamine*, (li hija *designer drug* magħrufa bħala (MDMA) li huma kkontrollati u ristretti bil-liġi taħt it- Tielet Skeda, Parti A, tal-Ordinanza Dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li għandhom x'jaqsmu magħha, Kapitolu 31 tal-Liġijiet ta' Malta, u l-imsemmija Darren Vella u Josef Cefai ma kellhom l-ebda permess jew awtorizzazzjoni skond l-imsemmija liġi sabiex ikollhom fil-pussess tagħhom jew sabiex iqassmu jew ibiegħu l-imsemmija pilloli u sustanza.

Illi b'għemilhom, l-imsemmija Darren Vella u Josef Cefai saru ħatja talli b'diversi atti, magħmula fi żminijiet differenti u magħmula b'riżoluzzjoni waħda, biegħu jew offrew li jbiegħu, jittraffikaw jew offrew li jittraffikaw il-mediċina perikoluża psikotropika Ecstasy kontenenti s-sustanza *Methylenedioxymethamphetamine*, (li hija designer drug magħrufa bħala MDMA) li huma kkontrollati u ristretti bil-liġi taħt it-Tielet Skeda, Parti A, tal- Ordinanza Dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li għandhom x'jaqsmu magħha, Kapitolu 31 tal-Liġijiet ta' Malta, meta dawn ma kellhom l-ebda awtorizzazzjoni speċjali bil-miktub mis-Supratendent tas-Saħħa Pubblika, b'dan li r-reat sar ġewwa d-distanza ta' mitt (100) metru mill-perimetru ta', skola, club jew ċentru taż-żgħażagħ, jew xi post ieħor simili fejn normalment jiltaqgħu iż-żgħażagħ.

Għaldaqstant l-Avukat Ġenerali, fl-isem fuq imsemmi, akkuża lill-imsemmija Darren Vella u Josef Cefai ħatja talli b'diversi atti, magħmula fi żminijiet differenti u magħmula b'riżoluzzjoni waħda biegħu jew offrew li jbiegħu, ittraffikaw jew offrew li jittraffikaw l-mediċina perikoluża psikotropika *Ecstasy* kontenenti s-sustanza *Methylenedioxymethamphetamine*, (li hija designer drug magħrufa bħala MDMA) li huma kkontrollati u ristretti bil-liġi taħt it-Tielet Skeda, Parti A, tal-Ordinanza Dwar il- Professjoni Medika u l-Professjonijiet li għandhom x'jaqsmu magħha, Kapitolu 31 tal- Liġijiet ta' Malta, meta ma kellu l-ebda awtorizzazzjoni speċjali bil-miktub mis- Supratendent tas-Saħħa Pubblika, b'dan li r-reat sar ġewwa d-distanza ta' mitt (100) metru mill-perimetru ta', skola, club jew ċentru taż-żgħażagħ, jew xi post ieħor simili fejn normalment jiltaqgħu iż-żgħażagħ bi ksur tal-Ordinanza Dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li għandhom x'jaqsmu magħha, Kapitolu 31 tal-Liġijiet ta' Malta. Talab illi jingħamel skond il-liġi kontra l-imsemmi akkużati u illi jiġu kkundannati għal piena ta' priġunerija għal għomor u multa ta' mhux inqas minn elfejn tlett mija u tletin Euro (€2330) iżda mhux iżjed minn mija u sittax il-elf u ħames mitt Euro (€116,500), u l-konfiska favur il-Gvern ta' Malta ta' l-oġġetti kollha li dwarhom sar ir-reat u l-konfiska favur il-Gvern ta' Malta ta' kull flejjes jew propjeta' mobbli jew immobbli oħra tal-persuna hekk misjuba ħatja, skond dak li hemm u jintqal fl-artikoli 40A, 120A(1)(a) (1B)(2)(a)(i)(2A)(2B) u 121A tal-Ordinanza Dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li għandhom x'jaqsmu magħha, Kapitolu 31 tal-Ligijiet ta' Malta, ir- regolamenti 2 u 3(1) tar-Regolamenti dwar il-Kontroll tal- Mediċini (Avviż Legali 22 ta' l-1985) u fl-artikoli 17, 18, 20, 22, 23, 31 u 533 tal-Kodiċi Kriminali jew għal kull piena oħra li tista' skond il-liġi tingħata għall-ħtija tal-imsemmija akkużati.

3. Wara li l-Avukat Generali ppremetta fit-Tielet Kap illi fl-istess żmien u ċirkostanzi indikati fil- Kapi ta' Akkuża preċedenti u ċioe' fil-lejl ta' bejn it-tnejn (02) u t-tlieta (03) ta' Awwissu tas-sena elfejn u tmienja (2008) u fix-

xhur ta' qabel, Darren Vella u Josef Cefai kienu fil-pussess ta' ammont konsiderevoli ta' pilloli kontententi d-droga *Ecstasy*.

Illi Darren Vella u Josef Cefai niżlu Malta kemm-il darba sabiex jiltaqgħu ma diversi persuni, senjatament ġewwa Ħaż-Żebbuġ (Malta), sabiex jakkwistaw ammont konsiderevoli ta' pilloli *Ecstasy* kull darba li jiltaqgħu ma' dawn il-persuni. Illi wara li akkwistaw dawn l-imsemmija pilloli, Darren Vella u Josef Cefai kienu jerġgħu jmorru lura lejn il-Gżira ta' Għawdex jġorru l-pilloli *Ecstasy* magħhom.

Illi matul il-lejl ta' bejn it-tnejn (02) u t-tlieta (03) ta' Awwissu tas-sena elfejn u tmienja (2008), il-Pulizija, waqt illi kienu fil-viċinanzi ta' lokal iffrekwentat miż-żgħażagħ u magħruf bħala "*La Grotta*", fix-Xlendi (Għawdex), innutaw lil Darren Vella jġib ruħu b'mod suspettuż u għamlulu tfittxija fuq persuntu. Minn dina t-tfittxija irriżulta illi Darren Vella kellu fuq il-persuna tiegħu tlettax (13)-il pillola *Ecstasy* waqt illi kien f'distanza ta' inqas minn 100 metru mill-imsemmi lokal "*La Grotta*", fix-Xlendi (Għawdex).

Illi wara din it-tfittxija, l-pulizija kompliet bl-investigazzjonijiet tagħhom fir-residenza ta' l-imsemmi Darren Vella fejn hemmhekk il-pulziija sabu mija u tlieta u ħamsin (153) pillola *Ecstasy,* liema ammont huwa formanti parti minn ammont ferm ikbar ta pilloli illi kienu akkwistati minn Darren Vella u Josef Cefai fil-perjodu indikat f'dan il-kap ta' l-akkuża, liema ammont totali huwa ta' madwar sitt mitt (600) pillola kontenti d-droga *Ecstasy*. Din id-droga kienet intiża sabiex tiġi mibjugħa u ttraffikata u liema ammont juri illi d-droga ma kienx għall-użu esklussiv tagħhom.

L-imsemmija pilloli Ecstasy, li fihom is-sustanza *Methylenedioxymethamphetamine*, (li hija *designer drug* magħrufa bħala (MDMA) li huma kkontrollati u ristretti bil-liġi taħt it- Tielet Skeda, Parti A, tal-Ordinanza Dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li għandhom x'jaqsmu magħha, Kapitolu 31 tal-Liġijiet

ta' Malta, u l-imsemmija Darren Vella u Josef Cefai ma kellhom l-ebda permess jew awtorizzazzjoni skond l-imsemmija liġi sabiex ikollhom fil-pussess tagħhom jew sabiex iqassmu jew ibiegħu l-imsemmija pilloli u sustanza.

Illi b'għemilhom, l-imsemmija Darren Vella u Josef Cefai saru ħatja talli, b'diversi atti, fi żminijiet differenti u magħmula b'riżoluzzjoni waħda, importaw, immanifatturaw, esportaw, xtraw, biegħu, użaw, jew kellhom fil-pussess tagħhom il-mediċina perikoluża psikotropika Ecstasy kontenenti s-sustanza *Methylenedioxymethamphetamine*, (li hija designer drug magħrufa bħala MDMA) li huma kkontrollati u ristretti bil-liġi taħt it- Tielet Skeda, Parti A, tal-Ordinanza Dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li għandhom x'jaqsmu magħha, Kapitolu 31 tal-Liġijiet ta' Malta meta ma kellhom l-ebda awtorizzazzjoni speċjali bil-miktub mis-Supratendent tas-Saħħa Pubblika; b'dan li r-reat sar ġewwa d-distanza ta' mitt (100) metru mill-perimetru ta', skola, club jew ċentru taż-żgħażagħ, jew xi post ieħor simili fejn normalment jiltaqgħu iż-żgħażagħ u f'ċirkostanzi li juru li dak il-pussess ma kienx għall-użu esklussiv tagħhom;

Għaldaqstant l-Avukat Generali fl-isem fuq imsemmi akkuża lill-imsemmija Darren Vella u Josef Cefai ħatja talli, b'diversi atti, fi żminijiet differenti u magħmula b'riżoluzzjoni waħda, importaw, immanifatturaw, esportaw, xtraw, biegħu, użaw, jew kellhom fil-pussess tagħhom il-mediċina perikoluża psikotropika Ecstasy kontenenti s- sustanza *Methylenedioxymethamphetamine*, (li hija designer drug magħrufa bħala MDMA) li huma kkontrollati u ristretti bil-liġi taħt it-Tielet Skeda, Parti A, tal-Ordinanza Dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li għandhom x'jaqsmu magħha, Kapitolu 31 tal-Liġijiet ta' Malta meta ma kellu l-ebda awtorizzazzjoni speċjali bil-miktub mis-Supratendent tas-Saħħa Pubblika; b'dan li r-reat sar ġewwa d-distanza ta' mitt (100) metru mill-perimetru ta', skola, club jew ċentru taż-żgħażagħ, jew xi post ieħor simili fejn normalment jiltaqgħu iż-żgħażagħ u f'ċirkostanzi

li juru li dak il-pussess ma kienx għall-użu esklussiv tagħhom; Talab illi jingħamel skond il-liġi kontra l-imsemmija akkużati u illi jiġu kkundanati għall-piena ta' priġunerija għall-għomor u multa ta' mhux inqas minn elfejn tlett mija u tletin Euro (€2330) iżda mhux iżjed minn mija u sittax –il elf u ħames mitt Euro (€116,500) u l-konfiska favur il-Gvern ta' Malta ta' l-oġġetti kollha li dwarhom sar ir-reat u l-konfiska favur il-Gvern ta' Malta ta' kull flejjes jew proprjetà mobbli jew immobbli oħra tal-persuni hekk misjuba ħatja skond dak li hemm u jintqal fl-artikoli 40A, 120A(1)(a),(2),(2)(a)(i),(2A),(2B) u 121A ta' l-Ordinanza dwar il- Professjoni Medika u l-Professjonijiet li Għandhom x'Jaqsmu Magħha (Kap. 31), ir- regolamenti 2 u 3(1) tar-Regolamenti dwar il-Kontroll tal-Medicini (Avviż Legali 22 ta' l-1985), u fl-artikoli 17, 18, 20, 23, 31 u 533 tal-Kodiċi Kriminali jew għal kull piena oħra li tista' skond il-liġi tingħata ħhall-ħtija ta' l-imsemmija akkużati.

4. Wara li l-Avukat Generali ppremetta fit-Tielet Kap illi fit-tlieta (03) ta' Awwissu tas-sena elfejn u tmienja (2008), l-Uffiċjali tal-pulizija, waqt illi kienu qegħdin iwettqu tfittxija ġewwa l-fond numru 65, Triq Għajn Mħelħel, Żebbuġ (Għawdex), li tiġi r-residenza ta' Darren Vella, sabu għadd ta' għasafar mejta u bbalzmati, jew partijiet minn dawn it-tajr.

Illi minn investigazzjoni konġunta bejn l-uffiċjali tal-Pulizija u l-uffiċjali fi ħdan l- Awtorita' Maltija għall-Ambjent u l-Ippjanar (MEPA) irriżulta li l-imsemmija għasafar huma protetti bil-liġi b'dan illi l-kaċċa jew it-teħid tagħhom huwa llegali u li Darren Vella ma kienx irreġistrat sabiex jikkollezzjona dan it-tajr u lanqas ma kien hemm xi forma ta' permess jew ċertifikati, biex jiġu kollezzjonati dawn l-għasafar.

Illi b'għemilu, l-imsemmi Darren Vella sar ħati talli żamm xi għasfur, kemm ħaj kemm mejjet, jew parti minn xi għasfur, li l-kaċċa jew it-teħid tiegħu huma projbiti taħt ir- Regolamenti ta' l-2006 dwar il-Konservazzjoni ta' l-Għasafar Selvaġġi ħlief skond id- disposizzjonijiet ta' l-istess regolamenti sakemm dan l-għasfur ma jkunx

ġie dikkjarat u reġistrat ma' l-awtorità kompetenti sal-31 ta' Mejju 2003 u dik il-persuna tkun ingħatat il-permessi, jew ċertifikati mill-awtorità kompetenti sabiex iżżomm dak l-għasfur.

Għaldaqstant l-Avukat Generali fl-isem fuq imsemmi akkuża lill-imsemmi Darren Vella ħati talli żamm xi għasfur, kemm ħaj kemm mejjet, jew parti minn xi għasfur, li l- kaċċa jew it-teħid tiegħu huma projbiti taħt ir-Regolamenti ta' l-2006 dwar il- Konservazzjoni ta' l-Għasafa Selvaġġi ħlief skond id-disposizzjonijiet ta' l-istess regolamenti sakemm dan l-għasfur ma jkunx ġie dikkjarat u reġistrat ma' l-awtorità kompetenti sal-31 ta' Mejju 2003 u dik il-persuna tkun ingħatat il-permessi, jew ċertifikati mill-awtorità kompetenti sabiex iżżomm dak l-għasfur; Talab li jingħamel skond il-liġi kontra l-imsemmi akkużat u jiġi kkundannat għall-piena ta' multa ta' mhux anqas minn mitejn u tnejn u tletin euro u erbgħa u disgħin ċenteżmu (€232.94) iżda mhux iżjed minn elfejn u tliet mija u disgħa u għoxrin euro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€2,329.37) kif ukoll is-sospensjoni tal-liċenza jew tal-permess maħruġa taħt l- imsemmija regolamenti u taħt it-Taqsima XV tal-Kodiċi tal-Liġijiet tal-Pulizija, għal perjodu ta' mhux anqas minn sena iżda mhux aktar minn tliet snin skond dak li hemm u jintqal fir-Regolamenti 4(1)(e); 27(1)(a), (ċ); 27(3)(a) ta'l-Avviż Legali 79 ta' l-2006 jew għal kull piena oħra li tista' skond il-liġi tingħata għall-ħtija ta' l-imsemmi akkużat.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet preliminari tal-akkuzat Josef Cefai (fol. 12) pprezentata fl-14 ta' Gunju 2011 fejn eccepixxa illi :

(1) Illi primarjament jigi rilevat l-inamissibilita' tal-istqarrija tal-akkuzat Josef Cefal tat-3 ta' Awissu 2008 li din saret bi ksur tad-drittijiet tal-istess akkuzat fejn huwa gie sprovist mill-assitenza legali matul l-investigazzjoni ta' dan l-kaz u wkoll waqt l-istess tehid tal-istqarrija u dan wkoll fid-dawl ta' diversi sentenzi li gew pronunzjati mill-qrati fosthom sentenza mill-Qorti Kostituzzjonali fl-ismijiet 'Il-Pulizija vs Mark Lombardi'

datata 12 t' April 2011, liema drittijiet tal-akkuzat rikorrenti gew miksura kif indikati fl-Artiklu 6 (3)(c) konguntivament mal-Articklu 6 (1) tal-Konvenzjoni Ewropea u ghalhekk isegwi l- isfliz tal-imsemmija stqarrija datata 3 ta' Awissu 2008 mill-istess proceduri;

(2) Illi dan l-kaz fejn ghandu x'jaqsam l-akkuzat huwa kaz ta' pussess tal-pilloli ecstasy ghall-uzu personali tieghu u dan kif ser jirrizulta fil-mori tal-kawza waqt is-smiegh tal- provi inkluz dawk medici hekk kif certifikat mill-istess psikjatra Dr. Joseph Spiteri M.D.;

(3) Illi, minghajr pregudizzju ghal dak li ntqal fis-suespost u fl-eventalwita' ta' xi forma ta' htija o meno, f'dawn il-proceduri ghandha tigi applikata l-Artiklu 29 tal-Kap 101 tal- Ligijiet ta' Malta stante li l-esponenti akkuzat kien ghen il-Pulizija sabiex jaqbdu lil dik il-persuna li giet identifikata kif deskritta bl-isem inkluz il-laqam mill-esponenti akkuzat, kif filfatt ghamlu, minn ghand min huwa inghata l-pilloli ecstasy, ta' liema informazzjoni huwa ta quddiem il-Magistrat li sema' il-kaz fil-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) u l-ufficjal prosekutur Spettur Josric Mifsud, fejn din l-Onorabbli Qorti hija mitluba li f'dawn il-proceduri jkun hemm kull verbal li sar waqt il-proceduri tal-Q.orti tal- Magistrati (Ghawdex) bhala Qorti Istruttorja;

(4) Salv eccezzjonijiet ohra li jistghu jigu trattati oralment

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet preliminari tal-akkuzat Darren Vella (fol. 17) pprezentata fl-20 ta' Gunju 2011 fejn eccepixxa illi :

1. In-nullita' tat-tieni kap ta' l-att ta' l-akkuza, jew alternattivament tat-tielet kap ta' l-att ta' 1-akkuza, in kwantu r-reat addebitat huwa l-istess fiz-zewg kapi (regolament 3(1) tar- Regolamenti dwar il-Kontroll tal-Medicini) bil-konsegwenza li l-Avukat Generali ma setghax jaghmel zewg kapijiet separati;

2. Il-piena ta’ prigunerija ghal ghomor mitluba fl-ewwel tlett kapi ta’ l-att ta’ l-akkuza hija zbaljata in kwantu ma huwiex qed jittiehed qies tal-portata ta’ l-artikolu 37 tal-Kodici Kriminali;

3. L-inammissibilita’ ta’ l-istqarrija u ta’ l-istqarrija guramentata ta’ l-eccipjent in kwantu ttiehdu minghajr ma qabel ma kkonsulta ma’ avukat u minghajr ma kellu avukat presenti waqt it-tehid taghhom;

4. L-inammissibilita’ konsegwenzjali ta’ kwalsiasi referenza mix-xhieda tal-prosekuzzjoni ghall-istqarrijiet imsemmija fl-eccezzjoni precedenti;

5. L-inammissibilita’ ta’ l-istqarrijiet ta’ Josef Cefai in kwantu dan ix-xhud huwa ko- akkuzat fil-kawza.

Rigward l-eccezzjonijiet ta’ Joseph Cefai, rat il-verbal tad-29 ta’ Mejju ta’ l-2013, fejn l-avukati qablu li t-tieni u t-tielet eccezzjonijiet li jirrigwardaw il-meritu u jistghu jigu decizi fil-kors tas-smiegh tal-guri u talbu illi tinghata decizjoni fuq l-ewwel eccezzjoni.

Ikkunsidrat.

F’din l-eccezzjoni l-akkuzat Joseph Cefai qieghed jaghmel referenza ghal decizjoni moghtija mill-Qorti Kostituzzjonali fl-ismijiet il-Pulizija vs Mark Lombardi datata 12 t’April 2011, fejn gie ddikjarat li l-istqarrija maghmlula minn persuna taht investigazzjoni u arrest, minghajr assistenza legali, tilledi d-drittijiet tas-smiegh xieraq kif sanciti bl-Artiklu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea u ghalhekk irrileva l-imnassibilita ta’ l-istqarrija li kellha tigi sfilzata mill-process.

Ikkunsidrat.

L-interpretazzjoni li qieghed jaghti l-akkuzat Joseph Cefai ghal din is-sentenza hija wahda korretta, pero m’hijiex l-ahhar kelma ghal dak li jirrigwarda illi dritt ta’ smiegh xieraq peress li nghataw zewg sentenzi ohra illi biddlu dan

il-hsieb u taw direzzjoni ohra lil Qorti.  L-ewwel sentenza hija dik moghtija mill-Qorti Kostituzzjonali sede Appell, fit-8 t'Ottubru 2012 fl-ismijiet Charles Steven Muscat vs Avukat Generali, fejn il-Qorti, fost affarijiet ohra qalet "Il-jedd ghal smiegh xieraq ma jinghatax biex min hu tassew hati jasal biex, b'xi mod jew iehor, ma jwegibx ghal htija tieghu.  Jekk il-jhedd ghal smiegh xieraq, kif interpretat u applikat, jwassal ghalhekk, mela hemm xi haga hazina hafna fis-sistema tal-harsien tad-drittijiet.
Ghalhekk, li trid taghmel din il-Qorti ma huwa la li tara jekk l-attur huwiex hati jew le ta' l-akkuzi li ngiebu kontrieh u lanqas li tara biss jekk l-attur kellux l-ghajnuna ta' avukat waqt l-interrogazzjoni u tieqaf hemm ; li ghandha taghmel din il-Qorti hu illi tara jekk dak in-nuqqas wassalx ghal ksur tal-jhedd ghal smiegh xieraq u jekk inholoqx il-periklu li l-attur jinstab hati meta ma kellux jinstab hati.  Jekk ma hemmx dak il-periklu, mela ma hemmx ksur."  Aktar 'l quddiem, fil-paragrafu numru 33 l-istess sentenza tghid "… illi l-Imhallef togat sejjer iwwissi lil gurati bil-periklu joqghodu biss fuq l-istqarrija meta jiddeciedu dwar il-htija, bla ma jqisu wkoll il-provi l-ohra, u illi l-Imhallef sahansittra jista' jwissi lil gurati biex jiskartaw l-istqarrija jekk tingieb xhieda… l-istqarrija ittiehdet bi vjolenza, b'qerq jew theddid."

F'kawza lohra deciza mill-Prim Awla sede Kostituzzjonali fil-31 t'Ottubru 2012 fl-ismijiet John Attard vs l-Onorevoli Prim Ministru u l-Avukati Generali, il-Prim Awla,  fil-waqt illi rreferiet ghal kawza Kostituzzjonali fuq imsemmija ta' Charles Steven Muscat vs l-Avukat Generali, qalet illi "Ebda Qorti, f'ebda hin ma stabbiliet principju universali li nuqqas ta' assistenza legali waqt interrogazzjoni, awtomatikament jirrizulta f'lezjoni ta' dritt  ghal smiegh xieraq." Dwar it-talba ghal isfiltz ta' l-istqarrija, il-Qorti taghmel referenza ghal sentenza moghtija mil-Qorti ta' l-Appell Inferjuri sede Ghawdex deciza fit-18 ta' Gunju ta' l-2013 fl-ismijiet "Il-Pulizija vs Paul Cutajar", fejn qalet "Dwar dan l-ahhar ilment li l-istqarrija kellha tkun sfilzata 'l ghaliex l-appellant ma kienx assistit fil-bidu nett ta' l-arrest tieghu, din il-Qorti taghmel referenza ghal decizjonijiet moghtija ricentement (ara fost ohrajn Charles Steven Muscat vs Avukat Generali u Ganni Attard vs Avukat

Generali) fejn din il-kwistjoni giet trattata u l-Qorti rrilevat li mhux kull nuqqas ta' assistenza legali ghandha twassal ghal nullita ta' l-istqarrija izda l-Qorti ghandha tara jekk l-istqarrija hijiex korraborata minn xhieda ohra u kemm l-akkuzat huwa persuna vulnerabli li seta' facilment ikun impressjonat jew influwenzat mill-fatt li kien qieghed igib interrogat mill-Pulizija." L-istqarrija baqghet fl-atti u giet ikkunsidrata mill-Qorti.

Ghalhekk din il-Qorti tiddispondi minn din l-ewwel eccezzjoni ta' Joseph Cefai billi tichad l-istess, tordna li l-istqarrija tieghu ghandha tibqa' fil-process bhala parti mill-provi, bil-kawteli fuq imsemmija u cioe illi Imhallef ghandu jwissi lil gurati bil-perikli li joqghodu biss fuq l-istqarrija meta jiddeciedu dwar il-htija bla ma jqisu wkoll il-provi l-ohra, soggetta ghal vulnerabilita tal-persuna li kemm seta' facilment ikun impressjonat jew influwenzat mill-fatt li kien qieghed jigi nterrogat mill-Pulizija, liema vulnerabilita huwa stat ta' fatt li jrid jigi determinat minn min ghandu jiggudika l-fatti. B'hekk il-Qorti qeghdha tiddisponi mill-eccezzjonijiet ta' Joseph Cefai.

Rigward l-eccezzjonijiet ta' Darren Vella, il-Qorti taghmel referenza ghal verbal tat-13 ta' Frar ta' l-2013 (fol 47) fejn il-Prosekuzzjoni rrikonoxxiet illi fi zmien il-kommissjoni tar-reat, Darren Vella kellu 17-il sena f'liema kaz, bi tnaqqis provdut fl-Artiklu 37 tal-Kap 9, il-piena massima ma tibqax dik ta' ghomor izda ta' tletin sena. Gie ddikjarat li ser tigi pprezentata nota ghal korrezzjoni opportuna. Jekk din in-nota ma tigix ipprezentata fit-terminu ta' l-appell ghal dan il-gudikat, il-Qorti tordna li jsiru l-korrezzjonijiet opportuni u ghal dak li jirrigwarda l-akkuzat Darren Vella isiru l-korrezzjonijiet fis-sens li jithassar ghomor u minflok jiddahhal it-terminu ta' tletin sena prigunerija.

Rigward it-tielet u r-raba' eccezzjoni li jitrattaw dwar l-imnassibilita ta' l-istqarrija u dik guramentata ta' l-akkuzat Darren Vella, il-Qorti taghmel referenza ghal dak li jinghad f'dan il-gudikat fil-kaz kontra l-akkuzat Joseph Cefai u tiddikjara li l-linji gwida hemm ennuncjati, jigu applikati wkoll fil-konfront ta' Darren Vella.

Rigward il-hames eccezzjoni, din giet irtirata permezz tal-verbal tat-13 ta’ Frar ta’ l-2013 (fol 47) u n-nota ta’ l-akkuzat a fol 49. Ghalhekk jifdal biss l-ewwel eccezzjoni.

Ikkunsidrat.

F’din l-eccezzjoni, l-akkuzat Darren Vella qieghed jecepixxi n-nullita tat-tieni jew it-tielet Kap ta’ l-Att ta’ l-Akkuza peress illi r-reat addebitat huwa l-istess fiz-zewg Kapi bil-konsegwenza li l-Avukat Generali ma setax jaghmel zewg Kapijiet separati. Il-Qorti tirrileva li din il-vertenza diga giet rizolta permezz ta’ decizzjoni moghtija mill-Qorti ta’ l-Appell Kriminali fis-26 t’April ta’ l-2012 “ir-Repubblika ta’ Malta kontra Gordi Felice”, kif konfermata b’sentenza ohra mill-istess Qorti ta’ l-Appell Kriminali fis-16 ta’ Jannar 2013 “Repubblika ta’ Malta kontra William Agius”. F’dik ta’ l-ewwel il-Qorti ta’ l-Appell qalet “Issa, permezz tat-tieni Kap ta’ l-Att ta’ l-Akkuza l-appellant qieghed jigi akkuzat bi traffikar. Permezz tat-tielet Kap huwa evidenti illi l-Avukat Generali ried jakkuzah bil-pussess ‘aggravat’. L-Avukat Generali, pero, dehrlu li kellu jiccita l-azzjonijiet kollha elenkati fir-regolament 3 (1) ta’ l-Avviz Legali 22/1985, u cioe l-akkuzat ‘importa, immanufattura, esporta, xtara, biegh, uzu jew kellu fil-pussess tieghu l-medicina’ in kwistjoni. B’daqshekk ma jfissirx li z-zewg Kapi qeghdin jitkellmu dwar l-istess reat. Forsi kien ikun anqas ta’ tfixxkil ghal gurati, li kieku l-Avukat Generali ma elenkax l-azzjonijiet kollha msemmija f’dak ir-regolament. Il-fatt li semmihom, pero, ma jirrendix la dan il-Kap, u wisq inqas it-tieni Kap nulli. Sta ghall-ewwel Qorti biex tindika lil gurati dak li jista’ jitqies applikabbli. Effettivament fis-sentenza appellata, hija diga ddiskriviet dawn iz-zewg Kapi bhala wiehed ta’ traffikar u l-iehor ta’ pussess aggravat.” Dan japplika pjenament ghal din il-kawza u ghalhekk l-ewwel aggravju qed ikun michud. B’hekk il-Qorti qeghdha tiddipsoni wkoll mill-eccezzjonijiet ta’ Darren Vella u salv dak li jinghad dwar il-piena fil-konfront ta’ Darren Vella tiddefferixxi l-kawza sine die biex tistenna it-turn taghha tinstema’ bhala guri.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------